MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 231/1998/1

Registratur tal-Qorti

vs

Carmen Attard,
Michael Mercieca.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi b'degriet tas-26 ta' Awwissu 1998, din il-Qorti ordnat il-ħruġ provviżorju ta' mandat ta' Inibizzjoni numru 113/1998 fl-ismijiet "Mario u Nathalie konjuġi Saliba –vs- Carmen Attard u Michael Mercieca", li bih il-konvenuti ġew inibiti personalment jew permezz ta' terzi jħottu xi parti mill-ħajt li kien qiegħed jinbena mir-rikorrenti, l-imsemmija Mario u Nathalie konjuġi Saliba, li jifred il-proprjetajiet rispettivi tagħhom fi Triq Santa Elizabetta, Xewkija, Għawdex, jew

bi kwalunkwe mod jostakolaw, ifixklu jew jimpedixxu l-prosegwiment tal-istess xogħlijiet, dokument “X1”.

Illi b’rikors tas-7 ta’ Settembru 1998 l-imsemmija konjuġi Saliba, wara li ppremettew li l-intimati, konvenuti odjerni, li minkejja d-digriet provvizorju mogħti minn din il-Qorti l-konvenuti kienu għadhom jostakulaw ix-xogħol ta’ bini da parti tar-rikorrenti konjuġi Saliba, u li l-konvenut Michael Mercieca kien qiegħed anki saħansitra fiżikament jimpedixxi l-prosegwiment tax-xogħol u jħedded lill-istess konjuġi Saliba u lill-persuni minnhom inkarigati f’dan ix-xogħol , talbu fost ħwejjeġ oħra li din il-Qorti tordna li jittieħdu fil-konfront tal-konvenuti proċeduri minħabba disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din il-Qorti, dokument “X2”.

Illi b’degriet tas-6 ta’ Ottubru, 1998 din il-Qorti laqgħet it-talba għall-proċeduri ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti fil-konfront tal-konvenuti, dokument “X3”.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Issibhom ħatja ta’ disprezz għall-awtorita’ tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Tikkundannahom għall-pieni preskritti mill-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistgħu jiġu mġegħla biex iwieġbu għall-akkuża bill-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur maħlufa minn Gemma Debono.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi mhumiex ħatja ta’ l-akkuża ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti għaliex huma b’ebda mod u manjiera ma kisru jew naqsu illi josservaw id-degriet

mogħti fis-26 ta’ Awwissu, 1998 fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 113/1998 fl-ismijiet ‘Mario Saliba et - vs – Carmen Attard et”; u dan kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti konfermata bil-ġurament ta' Carmen Attard.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 113/1998 fl-ismijiet: "Mario Saliba et. vs Carmen Attard et.", kif ukoll dawk taċ-ċitazzjoni numru 242/1998 fl-istess ismijiet, allegati mal-kawża preżenti.

Rat il-verbal tal-legali tal-konvenuti ta' l-4 ta' Gunju 2010.

Rat il-verbal tagħha ta' l-istess ġurnata, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti magħmula kontra l-konvenuti preżenti li allegatament sfidaw digriet proviżorju mogħti minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni indikat fiċ-ċitazzjoni, billi ostakolaw lir-rikorrenti f'dak il-mandat milli jkomplu bix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu qegħdin jagħmlu.

Illi l-konvenuti baqgħu qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri, pero' mid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, jirriżulta illi huma qatt ma kellhom l-intenzjoni li jisfidaw l-ordnijiet ta' din il-Qorti, imma biss li ma jippreġudikawx il-pożizzjoni tagħhom sakemm isiru t-trattattivi li kienu għadhom għaddejjin bejn il-partijiet fi isforz li tintlaħaq soluzzjoni bonarja bejniethom. Kien biss f'dan l-ispirtu li huma baqgħu jinsistu mar-rikorrenti fl-atti ta' dak il-Mandat ta' Inibizzjoni biex ma jkomplux bix-xogħlijiet sakemm jintemmu dawn it-trattattivi.

Infatti kif jirriżulta mill-verbal tal-legali tagħhom magħmul fl-aħħar udjenza li għaliha kienet differita din il-kawża, il-partijiet ilhom żmien twil li sabu soluzzjoni bonarja għall-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom, kif dejjem kienu qegħdin jittamaw li jiġri l-intimati, il-konvenuti preżenti.

F'tali ċirkostanzi u in vista wkoll tal-verbal tal-legali tal-konvenut ta' l-4 ta' Gunju 2010, fejn f'isem il-konvenuti skużat ruħha għall-kwalunkwe nuqqas li seta' sar mill-patroċinati tagħha, u wara li rat l-artikolu 997 tal-kap. 12, tikkundanna lill-konvenuti għal ammonizzjoni.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------